# *Laqgħa Urgenti tal-Kunsill Lokali Marsa*

**Minuti**

**Disa' Legislatura**

## *Laqgħa numru 53*

***5.30p.m  28 ta' Novembru  2022***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

*Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa li bdiet fil-5.50p.m

## *53.1 Ġbir tad-demel fiż-Żona tal-Korsa*

53.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar ġimgħat il-Kunsill avviċina l-WasteServ sabiex dawn jerġaw jġeddu l-permessi biex jibda jinġabar l-iskart tad-demel min madwar il-korsa kif dejjem sar. Madankollu, mingħajr ebda preavviż dawn infurmawna li dan is-servizz ser jieqaf u hemm bżonn li l-Kunsill jidħol fi djalogu mall-ERA, jew mad-Dipartiment tal-Agrikoltura jew mall-Water Services Corporation. Matul dawn il-ġimgħa l-Kunsill tkellem ma kull entita' msemmija, madankollu, dawn kollha infurmawna li mhix fir-responsabilita' tagħhom li dawn jiġbru d-demel. Kien min hawn li s-Sindku tkellem ma diversi persuni, u l-kwistjoni baqgħet tiegħa sall-Uffiċju tal-Prim Ministru. Min hawn il-Kunsill ġie mogħti xahrejn estensjoni mill-WasteServ biex jibqa' jintrema' d-demel fil-faċilitajiet. Madankollu, l-problema mhix solvuta u xorta hemm bżonn li l-Kunsill jindirizza din il-problema speċjalment fid-dawl li hemm sentenza tal-Qorti li nqgħatet fl-2014 favur il-Kunsill, fejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali obbligat li jħallas, u huwa hu stess responsabbli minn dan. Is-Sindku temm jgħid li huwa fl-interess tal-Kunsill u tar-residenti li dan il-post jibqa' nadif u għalhekk xtaq jistieden l-Avukat id-Dott Mattia Felice sabiex jagħti parir legali lill-Kunsill fuq din il-kwistjoni.

Laqgħa ġiet sospiza sabiex jitkellem l-Avukat

53.1.2 Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-avukat ser ikun qed jibgħat ittra legali lill-Ministri tal-Agrikoltura u tal-Ambjent rispettivament, u lill-kap eżekuttiv tal-WaterServ u tal-Agrikoltura. Il-Kunsill ser ikun qed jara l-andament tat-tweġiba li ser ikun qed jingħata. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace tenna l-importanza li fiż-żona tal-korsa ikun hemm demmiela professjonali li jistgħu jużaw is-sidien taż-żwiemel, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saħaq li din hija kwistjoni ta' saħħa għar-residenti. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri jemmen li l-Kunsill jrid jitkellem u jkun qrib ir-residenti tal-akwata. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet fuq din il-kwistjoni l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur li tintbgħat din l-ittra kien unanimu.

## *53.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

53.2.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' Diċembru fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

Josef Azzopardi Edward Spiteri Audibert

Sindku Segretarju Eżekuttiv